MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Talba Numru. 582/2007

**GO Plc – C-22334**

**Vs**

**Al Solaiman Torki –**
**ID-301297(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Lulju, 2007 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm1,500 illum ekwivalenti ghal €3,494.06c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21572645 kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. A u Dok. B bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal ezamina wkoll id-dokumenti ezebiti bhala Dok. A u Dok. B minn fejn jirrizulta illi l-kont in kwistjoni fil-fatt kien jghajjat lil konvenut u li l-ammont pretiz kien fil-fatt realment dovut kif jidher minn Dok. B.

Gie notat ukoll li fis-26 ta` Frar, 2008 Dr. Louis Bianchi ghan-nom tal-konvenuti pprezenta nota fejn ammetta t-talba attrici in vista tal-fatt illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta` l-istess konvenut qieghed jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €3,494.06c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------